MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Numru. 58/1999
Kawza Numru. 3

**Il-Pulizija
(Spetter Paul Vassallo)**

**- vs -**

**Joseph Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Joseph Calleja ta’ 26 sena iben Anthony u Georgina nee` Farrugia imwieled fis-16 ta’ Marzu 1972 u residenti ‘Stars and Stripes’, Sqaq Nru 5, Triq il-Kbira, Mosta (Karta tal-Identita’ Numru 147872M) akkuzat:

**talli fit-12 ta’ Lulju 1998 ghall-habta ta’ xi 1:00 a.m. fl-inhawi tal-kumpless ‘Villa Fiorita’ fil-limiti ta’ Marsalforn, Ghawdex ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Frank Refalo minn Sannat, Ghawdex**

**u dan skond ma ccertifika Dr Michael Refalo M.D. ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex.**

Rat l-kunsens tal-avukat generali tal-14 ta' Settembru 2001 skond l-artikolu 370(3)(b)(c) u (f) tal-Kap 9 sabiex l-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja ghal dak li hemm mahsub fl-artikoli 214 sa 218, 20, 23 u 533 tal-Kap 9;

Rat illi l-imputat ma rregistra ebda oggezzjoni sabex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bl-istess procedura;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza kienet istitwita fuq rapport ta' Frank Refalo wara li allega illi kien imsawwat mill-imputat fil-car park ta' sala tat-tigijiet meta l-istess Frank Refalo wasal fil-car park bil-vann tieghu biex jigbor xi mistidin u ra lill-impuat "izejjen" vettura b'"foam" u oggetti ohra bi hsieb li tintuza mill-gharusa wara li titlaq mir-riceviment tat-tieg taghha. Frank Refalo jghid illi malli huwa gibed l-attenzjoni tal-imputat illi huwa kien qed jaghmel l-hsara fil-vettura li tappartjeni lilu, l-imputat xejjirlu daqqa ta' ponn u kissirlu l-ghadma ta' mniehru kif ukoll ikkawzalu "sprain" fi spalltu;

Illi l-imputat xehed illi fil-hin ftit qabel spicca ir-riceviment in kwistjoni mar fil-car park b'xi gelat u karta igenika f'idu u kien beda jcappas din il-vettura bl-istess skop kif fuq inghad. Meta tfacca l-imputat kellu hafna rabja fuqu u waqaf ftit mod minn Calleja illi inghalaq f'kantuniera. L-imputat spjega illi malli Refalo qallu li l-vettura kienet tappartjeni lilu dan haseb illi kien qed jaghmel it-tizjin fuq vettura zbaljata u offra li jgib barmil u jahsel il-vettura meta Refalo qallu "issa tara kemm ha tahsilhieli" u mar jiftah il-bieba tal-vann. L-imputat spjega illi huwa haseb hazin meta l-imputat fetah il-bieba aktar u aktar meta kien imrekken u ma setax jahrab mill-inkwiet u ghalhekk mar izomm lill-imputat milli jiftah il-bieba. L-imputat gieb a konjizzjoni tal-Qorti diversi episodji ta' inkwiet li Refalo

kellu mal-familja tal-gharusa dwar kiri ta’ vetturi ghal dan it-tieg minghajr mal-istess imputat kien jaf min hu l-istess Refalo.

Ix-xhieda f’dan il-process huma effettivament tnejn biss u cioe` l-kwerelant u l-imputat. Huwa minnu illi l-verzjonijiet huma kompletament opposti izda l-Qorti hi tal-fehma illi l-verzjoni ta’ l-imputat hija aktar attendibbli u li ghalhekk l-feriti subiti minn Frank Refalo sehhew meta l-imputat kien qed izomm lill-istess Frank Refalo milli jiftah il-bieba tal-karozza wara li l-imputat assuma li dan kien ser igib xi haga mill-istess vettura meta Refalo qallu l-kliem “issa tara kemm ha tahsilhieli” u mar jiftah il-bieba.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

--------------------------------TMIEM--------------------------------